# KUNSILL LOKALI – L-IMQABBA

29, TRIQ IL-PARROCCA, L-IMQABBA MQB 1512

TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606

E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt

WEB SITE: www.mqabba.gov.mt /www.lc.gov.mt

Minuti tal-laqgħa numru tnejn u disgħin (92) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM), li nżammet nhar it-Tnejn, 27 ta' Frar 2012 fis-6:00pm, fl-uffiċċju tal-kunsill.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Noel Galea | Sindku |
| | Charles Farrugia | Deputat Sindku |
| | Nicholas Briffa | Kunsillier |
| | Grace Marie Mallia | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |

1. Is-sindku, ippresjeda l-laqgħa u qal it-talba.

2. Il-minuti tas-seduta preċedenti kienu mgħoddija mis-segretarju eżekuttiv aktar kmieni l-ġimgħa ta' qabel permezz ta' *e-mail*. Dawn kienu approvati u ffirmati mingħajr korrezzjoni.

3. Wara li fis-seduta preċedenti kienu approvati l-estimi finanzjarji 2012, liema dokument jinsab fis-sit uffiċjali tal-KLM, kif ukoll il-*financial statements* li kienu ffirmati u mgħoddija lill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Awditur, lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali kif ukoll lill-Awditur *Grant Thornton*, *by hand* mis-segretarju eżekuttiv innifsu, issa kien imiss li l-istess kunsill japprova l-pjan ta' ħidma għal tliet snin (*business plan 2012-14*) kif ukoll ir-rapport annwali amministrattiv 2011. Dawn kienu approvati unanimament. Fuq talba ta' Nicholas Briffa is-segretarju eżekuttiv għadda kopja wkoll tal-*balance sheet*, l-i*statement of affairs* kif ukoll it-*trial balance* aġġornata l-għada tal-laqgħa preċedenti b'*e-mail* lill-kunsillieri flimkien ma' kopja tal-ilmenti li daħlu, skont kif mitlub. Intant l-istess segretarju eżekuttiv kien mitlub ukoll biex issa jgħaddi l-lista ta' kredituri lill-kunsillieri, dejjem sal-aħħar tas-sena 2011.

4. Is-segretarju eżekuttiv kien mistoqsi dwar il-figura ta' €93,000 li l-Aġenzija tal-Pagamenti għaddiet fuq il-kont tal-kunsill biex jagħmlu tajjeb għax-xogħol li qed isir fi Pjazza Ġublew tad-Djamanti. Is-segretarju eżekuttiv qal illi peress li dawn daħlu fis-sena finanzjarja 2011, iridu jkun murija fl-*accounts* bħala *deferred income*, peress li x-xogħol ma kienx *in hand* sal-aħħar tas-sena 2011.

5. Charles Farrugia qajjem il-punt illi minbarra l-investiment kbir li l-KLM qed jagħmel preżentement fit-toroq tal-Imqabba, hemm il-ħtieġa li ninvestu fil-*playing field* f'Misraħ il-Fidwa biex jitjieb l-istat ta' dawn l-inħawi għall-ġid taċ-ċkejknin li jmorru jilagħbu hemmhekk. Il-kunsillieri qablu miegħu u s-sindku qal li preżentement qed nistennew ir-riżultat tal-iskema li applikajna għaliha biex naraw jekk hux se nikkwalifikaw minn fondi *ad hoc* u jitneħħew il-perikli li hemm. Is-segretarju eżekuttiv qal li fost il-perikli elenkati mill-ispettorat hemm uħud minnhom ta' kostruzzjoni fosthom biex il-konok tal-*green verge* jersqu aktar 'il bogħod mill-logħob tat-tfal biex jekk Alla ħares qatt jaqa' xi tifel minn fuq xi bandla ma jaħbatx max-xifer. Madankollu s-segretarju eżekuttiv qal li jeżistu perikli oħrajn f'toroq li m'humiex fil-proġett pilota, bħal dawk fi Triq Ħal Kirkop. Hu qal illi f'din it-triq dejqa rurali, li madwar sentejn ilu ingħatat it-tarmak mill-gvern ċentrali, jekk jiltaqgħu żewġ vetturi, ikollhom ireġġgħu lura f'post mingħajr ilqugħ li taħt ir-riħ tiegħu jeżistu għelieqi madwar sular għoli. Din it-triq hija mibnija fuq ħitan tas-sejjiegħ li bil-volum ta' ilma tax-xita li jinżel minn din it-triq, therrew u waqgħu partijiet sostanzjali minnhom. Għaldaqstant il-KLM qabel illi għandha ssir talba biex Transport Malta tagħmel *risk assessment* u twessa' t-triq ħalli jitneħħa l-periklu għaliex il-KLM m'għandux fondi biex jagħmel dan ix-xogħol fosthom it-teħid ta' art. Intant issemmiet ukoll Triq tas-Sejba illi wkoll niżlet fil-parti li kienet imwessa' bil-possibilità illi tiġrilha aktar ħsara għaliex l-ilma li qed iżomm f'dik il-parti issa qed jinżel fit-terrapien.

6. Hawn issemmiet il-problema ta' Sqaq Numru 1 fi Triq il-Parroċċa fejn sar xogħol ħażin u l-Perit Bezzina qal illi għalhekk għadu ma ħariġx il-kont għaliex dan irid jinqala' parti sostanzjali mill-isqaq u jerġa' jsir mill-kuntrattur tal-KLM. Intant is-segretarju eżekuttiv kien mitlub sabiex jibgħat l-ittra proposta fil-laqgħa preċedenti fejn qed tintalab aktar sorveljanza mill-istess perit fuq ix-xogħol tal-kuntrattur tal-KLM u wkoll nibagħtu kopja tagħha lill-*Asfaltar Ltd.*

7. Fil-laqgħa li kellu l-KLM mal-Onor Karm Mifsud Bonnici LL.D., MP, il-Ministru tal-Intern responsabbli mill-kunsilli lokali, qam il-punt tal-Katakombi tal-Mentna, fejn il-KLM kien ressaq ix-xewqa li jkollu aċċess għalihom mal-Kumitat ta' Kurazija. Hawn is-segretarju eżekuttiv kien mitlub sabiex jibgħat it-talba li kienet saret lil dan il-kumitat waqt laqgħa li nżammet fl-uffiċċju tagħna propju ma' Dr Mifsud Bonnici, President Imeritus diversi snin ilu. Dawn il-katakombi huma f'idejn *Heritage Malta* minkejja li l-awtorità tinsab f'idejn is-Sovratendenza Patrimonju Kulturali.

8. F'dan il-punt kien diskuss il-proġett ta' Pjazza Ġublew tad-Djamanti. Is-sindku qal li hawn ma nistgħux inħallu l-bankini barra, anke saħansitra dawk ta' biswit il-kmamar tal-katakombi wara talba li kien hemm minn xi residenti sabiex dawn isirulhom xi manutenzjoni. Is-sindku qal illi issa x-xogħol qabad ritmu tajjeb u r-rappreżentant tas-Sovratendenza qiegħed ikun dejjem preżenti waqt it-tħaffir ħalli jirrapporta lis-superjuri tiegħu f'każ illi tinstab xi ħaġa storika. Noel Galea qal illi *Schembri Barbros* qabad ipoġġi l-kurduna u sal-ġimgħa d-dieħla, il-bankina viċin il-mekkanik se tkun magħluqa.

9. In-naħa tal-katakombi ħallejnieh għall-aħħar ħalli peress li huwa l-aktar parti delikata.

10. Is-sindku qal illi llum iltaqa' mal-Kuntrattur *Asfaltar Ltd* biex inkomplu x-xogħlijiet fi Triq is-Saljatura, Triq iż-Żurrieq, Triq Ħal Kirkop u s-Service Road fi Triq il-Konvoj ta' Sta Marija. Hu qal illi parti sostanzjali tal-qalba tal-ilma tax-xita ta' Triq iż-Żurrieq se tkun qed taqleb lejn l-għelieqi u parti oħra minnha se tkun qed taqleb lejn Triq Ħal Kirkop. Dan kien deċiż wara li issa jirriżulta illi hemm biss 10ċm biss *gradient* u għaldaqstant dan ifisser li se jkollu jkun kostruwit *water catchment* li se jferra' l-ilma fi Triq Ħal Kirkop biex neħilsu minn dan l-inkonvenjent.

11. Ħarġu l-offerti tal-latrina pubblika u dak tas-sit elettroniku tal-*heritage trail*, kif ukoll dak tal-kwotazzjoni tal-assikurazzjoni tal-kunsill.

12. Is-sindku semma l-inċident ta' persuna li kellha fil-vettura tagħha fi Triq is-Siġġiewi fl-inħawi ta' Kandja. Hu qal illi issa kien stabbilit illi l-post jinsab fil-konfini tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi.

13. Noel Galea issuġġerixxa lis-segretarju eżekuttiv iħallas il-kumplament tax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni ta' toroq bl-i*stencilled paving* fi Triq il-Fjuri u fi Sqaq fi Triq Santa Katerina, billi jċempel lis-*sub-contractor* Charlo, tal-kuntrattur tal-KLM ħalli jara x'sar minn dawn il-kontijiet li s'issa qatt għadhom ma ġew preżentati lill-KLM.

14. Dwar il-fondi tal-Fond għat-Titjib Urban, il-*MEPA* sabet problema biex tgħaddihomlna u issa, wara li ċempel is-sindku u tkellem mal-persuna konċernata, biex jiġu ċċarati xi punti se jkunu mogħtija lilna kif miftiehem.

15. Wara d-deċiżjoni meħuda fl-aħħar laqgħa is-segretarju eżekuttiv kien mitlub sabiex ilesti ittra biex il-KLM jikkummissjoni lill-Banda tas-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju sabiex iddoqq fis-serata mużikali fejn fiha jitħabbar l-unur 'Ġieħ l-Imqabba', propju issa nhar it-tielet Sibt ta' Ottubru, 2012.

16. Is-sindku qal illi din is-sena minkejja li l-KLM se jkun qed jibbenefika mill-fondi governattivi għal attività kulturali bħal dik tal-'Imqabba mal-Medda taż-Żmien', naqqsulna €1,000 ieħor u għalhekk irridu noqgħodu attenti ħafna x'se nagħmlu biex ma tkunx ta' spiża fuq il-KLM.

17. Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar it-Tlieta, 13 ta' Marzu, 2012

18. Dwar manutenzjoni ta' toroq, is-sindku qal li għandna ninkludu l-parti ta' Triq Valletta fejn tinsab il-barriera quddiem Triq Baskal Xuereb. Grace Marie Mallia alludiet ukoll għal Triq it-Torri Vinċenti illi wkoll tinħtieġ manutenzjoni wara li tħaffret kollha. Intant is-sindku qal li bi żvista nsejna ninkludu wkoll fil-lista Toroq 29, Sqaq Buħar u se naraw jekk indaħħluhx ukoll mal-lista ta' toroq li se jinksew bit-tarmak.

19. Il-kunsillieri fakkru lis-segretarju eżekuttiv sabiex jagħmel l-arranġamenti sabiex il-bandiera tal-Imqabba titla' tperper fuq l-arblu nhar il-31 ta' Marzu, 2012, fl-okkażjoni ta' Jum il-Ħelsien filwaqt li tkun ħaġa sewwa wkoll li titla' mezz'asta nhar il-Ġimgħa l-Kbira u b'mod normali nhar Ħadd il-Għid.

20. Is-sindku qal illi qabel ma niffirmaw il-kuntratti tal-*bring-in-sites* mal-Kumpanija *Greenpak* għandna naraw il-Kuntrattur *GreenMt* x'qed joffri bħala inċentivi. Dan minkejja li dan il-kuntratt ma jiġiniex flus għaliex l-iskart separat li qed jinġabar mil-lokalità tagħna qed isostni l-ispejjeż tal-ġbir saħansitra anke dak tal-kollezzjoni tal-boroż griżi /ħodor ta' nhar ta' Tlieta.

21. Il-KLM filwaqt li jirringrazzja lill-*Environmental Landscapes Consortium Ltd* tad-donazzjoni ta' pjanti li ingħatawlu se joħroġ avviż fil-ħarġa li jmiss tal-fuljett sabiex il-pubbliku jiġi jiġbor qasrija kull familja u dawn jingħataw lill-ewwel mitejn u ħamsin persuna li jiġu għalihom.

22. Ġie approvat b'mod sħiħ il-*performance bonus* 2011 tal-impjegati tal-KLM wara li l-kunsillieri ikkunsidraw l-*appraisals* tagħhom. Għaldaqstant il-kumplament ta' dan il-*bonus* ta' Valerie Galea u Mersia Mackay se jingħatalhom mal-paga ta' Marzu, 2012.

23. Ġiet approvata ċ-ċedola tal-pagamenti numru 431.

24. Is-Sindku ippreżenta kopja ta' pubblikazzjoni maħruġa mis-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju bl-isem Sicut Lilium li l-Kunsill Lokali tal-Imqabba wkoll se jiffinanzja parti minn din il-pubblikazzjoni biex kopja ta' din il-pubblikazzjoni ssib ruħha wkoll fuq l-ixkafef tal-librerija lokali bl-iskop li toktor il-kultura Mqabbija. L-editur ta' dan il-ktieb huwa s-Sur Charles Farrugia (Direttur, Dipartiment tal-Arkivji, Sptar ta' Santu Spirtu, Rabat)

25. Il-laqgħa ntemmet fit-8:00pm.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>*13/ 03/ 2012 minn:* | **Noel Galea**<br>**Sindku** |